MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 1723/2002

**Colette Farrugia**

**Vs**

**Colin Brincat**

It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tad-danni fl-ammont ta' Lm350 (tlett mija u hamsin lira Maltin) risultanti wara incident li sehh fil-5 ta' Mejju 2002 go Notabile Road, Attard liema incident gara minhabba negligenza da parti tal-konvenut li kien qed isuq il-vettura HAT-597 u baqa diehel fil-vettura JAM-356 tal-attrici li kienet wieqfa mahbuta u b'hekk l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident u ghandu jkun ikkundannat ihallas id-danni likwidati.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali ippresentanta mal-avviz tat-talba ai termini tal-Kap 104. Kif ukoll spejjes

legali ammontanti ghal Lm40.50 (erbghin lira Maltin u hamsin centezmu) u bl-imghax legali minn notifika ta’ l-avviz sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes, stante li l-incident tat-traffiku meritu ta’ din il-kawza ma garax tort u htija tal-konvenut, izda gara unikament tort tal-attrici, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjes kontra l-istess konvenut u salve eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Sema x-xhieda u ezamina d-dokumenti:-

Ikkonsidera:-

Illi mhux kontestat mill-konvenut li l-vettura gja kienet mahbuta fil-park barrier meta huwa dahal fiha.

Ix-xhieda prodotti mill-atturi Marlene Farrugia u Annalise Farrugia – xehdu li kien ghadda perjodu ta’ hin minn meta raw il-vettura JAM-356 mahbuta sakemm dahal go fiha l-konvenut.

Il-konvenut u x-xhud tieghu Clayton Mazzitelli xehdu li raw lil vettura tal-attrici mahbuta, pero' ma setax jevita li jidhol fiha.  Dana principalment minhabba z’zlieq u d-distanza.

Li kien hemm iz-zlieq mhux kontestat – di fatti l-attrici stess skiddjat.  Pero' ma kienx zlieq ta’ zejt – dana huwa konfermat anki mill-pulizija investigattiv.  Dwar id-distanza, 15 il-metru huwa piu che sufficjenti biex twaqqaf vettura sia jekk tkun taht il-kontrol tax-xufier u sia ix-xufier ikun f’posizzjoni li jsuq.

Iz-zewg xufiera, ta’ eta ta’ 21 sena kienu qed jirritornaw id-dar wara ‘a night out’.  Il-konvenut kellu 4 ohra mieghu fil-karozza.  Il-hin kien il-5.00 a.m.  Kien hemm xi nida fit-triq.  Ir-raguni taz-zewg habtiet kienet l-istess ghat-tnejn li huma.  L-attrici ghamlet hsara fil-proprjeta ta’ Roads

Department – ghandha tirrispondi hi ghalih. Il-konvenut pero' ghandhu jirrispondi ghal hsara fil-vettura tal-attrici. Dawn id-danni ma gewx kontestati.

Jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut jilqa' t-talbiet attrici u jikkundannah ihallas is-somma ta' tlett mija u hamsin Lira Maltin (Lm350), bl-ispejjes u bl-interessi mid-data tal-prezentata.

--------------------------------TMIEM--------------------------------